MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 206/2005

Kawza fil-lista: 9

**L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Guccio Gucci S.p.A**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Vincent Galea u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati b' digriet tal-31 ta' Mejju 2005 sabiex jirrapprezentaw lil S.A.E.L. MEFA Sporting Import**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Premess illi s-socjeta' attrici, maghrufa madwar id-dinja nkluz f'Malta ghall-prodotti lussuzi "GUCCI", hija proprjetarja ta' t-*trademarks* famuz "GUCCI", liema *trademark* jinsab registrat f'Malta bin-numru 34922 b'effett

mis-7 ta’ Settembru 2001, u dan dwar *clothing, footwear, headgear;*

Premess illi bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b’hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni ma’ t-*trademarks* taghha;

Premess illi fit-30 ta’ Jannar 2005 is-socjeta’ attrici giet infurmata mill-Kontrollur tad-Dwana li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta’ l-Att dwar Drittijiet ta’ Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta), l-istess Kontrollur ta’ d-Dwana kien issospenda r-rilaxx ta’ l-*container* ECMU 1018320 ta’ tul ta’ 20 pied kontenenti *footwear* li fuqu hemm sinjali GUCCI;

Premess illli l-istess Kontrollur tad-Dwana nforma lis-socjeta’ attrici li dawn l-oggetti waslu fil-*Freeport Terminal* ta’ d-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala S.A.E.L. MEFA SPORTING IMPORT, u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur ta’ d-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta’ proprjeta’ intellettwali;

Premess illi l-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita’ ta’ l-Kontrollur ta’ d-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom sinjali GUCCI kemm fuq iz-zraben stess kif ukoll fuq il-kaxxi kontenenti kull par zarbun, li jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ s-socjeta’ attrici;

Premess illi s-socjeta’ attrici tinsab infurmata li b’kollox gew identifikati 49 kontenituri ta’ l-kartun b’kull kontenitur kontenenti 12 il-par zarbun u kull par gewwa kaxxa, u dan ghal total kumplessiv ta’ 588 pari zraben;

Premess illi l-azzjonijiet ta’ l-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 4 ta’ l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi kif ukoll ta’ l-artiklu 10(2)(b) ta’ l-Att Dwar it-

*Trademarks* (Kap. 416), u huma azzjonabbli b'applikazzjoni ta' d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14 sa 19 ta' l-istess Kap. 416, 2 u 8(1) ta' l-istess Kap. 414;

Premess illi s-socjeta' attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Premess illi s-socjeta' attrici nghatat opportunita' sa' d-data ta' l-presentazzjoni ta' din ic-citazzjoni sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew l-opportuni procedimenti civili gudizzjarji;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet hawn qabel premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi zraben u kaxxi kontenenti l-istess, li fuqhom hemm sinjali GUCCI u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' ta' l-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx ta' l-*container* ECMU 1018320 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali ta' s-socjeta' attrici fir-rigward ta' t-*trademarks* taghha GUCCI bin-numru ta' registrazzjoni 34922;

2. tordna lill-Kontrollur ta' d-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l-hinn mill-kanali ta' l-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici, jew tordna lill-Kontrollur ta' d-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez ta' l-konvenuta;

3. tiehu u tordna lill-Kontrollur ta' d-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici ta' t-transazzjoni;

4. tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi ma' l-mizuri ordnati ai termini ta' t-tieni u ta' t-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk ta' t-trasport ta' l-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, ta' l-hazna stess kif ukoll

ta’ t-trasport mill-lok ta’ l-hazna sa’ l-lok ta’ l-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk rriservaw i d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi t-talbiet attrici huma sostnuti mid-dokumenti esebiti u mid-deposizzjonijiet tal-attur kif ukoll ta’ John Richards fizzjal tad-Dwana. Il-konvenuti nomine minn naha taghhom ma ressqux provi stante li s-socjeta’ assenti ma ghamlitx kuntatt maghhom.

Illi stante li l-fatti sostnuti mill-attur nomine ma gewx kontradetti, it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------